

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 152/2009****tal-4 ta' Diċembru 2009****li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE****IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 (¹).
- (2) Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid) (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2009/42/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE (³), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:**Artikolu 1**

It-test tal-punt 7b (Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE) fl-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"32009 L 0042: Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/42/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(¹) ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.

(²) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29.

(³) ĠU L 320, 30.12.1995, p. 25.

(*) Ma huma indikati l-ebda ġtiġi kcostituzzjonali.